**L-Esperjenza tagħna bħala studenti tal-ħames sena f' St Francis Secondary School, Sliema.**

Matul dawn l-aħħar ħames snin, aħna, Britney Pisani u Mariah Mifsud, kellna ċ-ċans li nagħtu sehemna f'diversi attivitajtiet li ġew imtellgħa fl-iskola. Kollha huma ta' min jiftakarhom, imma bla dubju, ma nistgħux ma nsemmux l-attività li ġiet organizzata fil-Milied tas-sena 2015, ''Milied li Jimla l-Qlub 2015''.

Minkejja li din il-ġurnata t'attivitajiet ġewwa l-iskola ġabet magħha ħafna xogħol u taħbit, xorta waħda ma nistgħux ninsew il-memorji tal-mumenti sbieħ li qattajna. Aħna konna parti mill-grupp ta' muziċisti tal-iskola, fejn filwaqt li tajna sehemna fil-kant tal-quddiesa, ħadna sehem ukoll fil-kant tal-pantomima li giet imtellgħa mill-għalliema stess.

Minbarra dan, ġejna wkoll mogħtija ċ-ċans li nkantaw l-Innu Malti, kif ukoll id-diska li għoġobha tħejjilna Ms Vanessa Cachia, dwar l-importanza tal-kotba f'ħajjitna, fil-preżenza tal-Eċċellenza tagħha, il-President Marie Louise Coleiro Preca. M'għandniex xi ngħidu, kellna msarna f'saqajna dakinhar.

Barra minn hekk, l-iskola offritilna bosta opportunitajiet oħra ta' attivitajiet extra-kurrikulari. Fost dawn insibu l-attività tal-''Budding Rockstars'', fejn flimkien ma' studenti oħrajn ingħatajna ċ-ċans li nkomplu niżviluppaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħna barra mill-iskola. Din l-attività kienet f'forma ta' seminar ġewwa lukanda ewlenija f'San Ġiljan. Dan is-seminar, li sar għal żgħażagħ bħalna, kien interessanti ħafna u kellu l-iskop li jgħinna nagħrfu kif għandna nkomplu nibnu fuq il-potenzjal tagħna bl-għan li aktar 'il quddiem inkunu kapaċi niftħu kumpanija tagħna stess.

B'xorti tajba nistgħu ngħidu li din l-iskola li għexna fiha tul dawn l-aħħar ħames snin toffri bosta opportunitajiet lill-istudenti, mhux biss fuq livell akkademiku iżda wkoll biex aktar 'il quddiem inkunu kapaċi niżviluppaw lilna nfusna fi tfajliet ta' karattru, b'valuri sodi u ta' eżempju tajjeb għall-ġenerazzjoni li jmiss.

**Mariah Mifsud u Britney Pisani,**

**Form 5 M**